# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMHALLFIN

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A.(HONS), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. CARMEL A. AGIUS, B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI, B.A., LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 8 ta' Jannar, 2001**

**Numru 4**

**Rikors numru 242/00 GV**

**Perit Duminku Mintoff**

**vs**

**Dr. Joe Brincat u Alfred Briffa**
**bhala Editur ta' It-Torca**

**<u>Preliminari</u>**

Dan hu appell li skaturixxa minn incident procedurali fil-kawza ta' libell fl-ismijiet premessi li biha l-konvenut Dr. Joe Brincat kien inter alia hekk eccepixxa fit-tieni lok illi:

> "l-artikolu mhux libelluz ghaliex ma jaghti l-ebda malafama lil min issemma' fl-istess artikolu, u dan fuq il-bazi tal-gurisprudenza tal-qrati Maltin fuq x'jikkostitwixxi malafama u x'jikkostitwixxi kritika, anke harxa, ta' personagg fil-hajja pubblika u l-attur mhux qed jindika liema kliem jikkostitwixxi malafama".

Dan l-incident inqala' mmedjatament wara li l-attur kien iddikjara li hu kien temm il-produzzjoni tal-provi u xhieda tieghu. Infatti, fis-seduta tal-15 ta' Mejju, 2000, l-Avukat Brincat, konvenut fil-kawza u rikorrenti f'dan l-appell, talab lill-Qorti Civili Prim'Awla taghti decizjoni fuq din l-eccezzjoni minn minnhom moghtija qabel ma jibda l-provi tieghu. Is-sottomissjoni tieghu kienet illi una volta l-attur kien ghalaq il-provi tieghu, u kien hemm it-talba tal-konvenut li l-Qorti kellha tiddeciedi jekk kienx hemm fatti specifici u determinanti li setghu jikkostitwixxu l-malafama, tali eccezzjoni kellha tigi deciza qabel ma tipprosegwixxi bis-smiegh tal-kawza. Jekk jirrizultalha nfatti, illi din l-eccezzjoni kienet gustifikata, il-Qorti kellha tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju. Jekk prima facie kien hemm dawn il-fatti specifici u determinanti, il-konvenut kellu jkollu d-dritt li jghaddi ghall-provi tieghu u ghall-eccezzjonijiet tieghu. Ma kellux jinhela z-zmien tal-Qorti fi l-proceduri li jitwalu b'diversi xhieda meta kien hemm, fil-fehma tal-konvenut, elementi bizzejjed, skond il-gurisprudenza tal-Qorti ta' l-Appell aktar ricenti, biex il-kaz jieqaf f'dak l-istadju.

L-attur ikkontesta din is-sottomissjoni. Hu jissottometti li l-Qorti kellha l-fakolta' li tiddeciedi fis-sentenza preliminari biss dawk l-eccezzjonijiet li kienu ta' natura preliminari u li ma kienux jinvolvu l-meritu tal-kaz, izda jolqtu l-kaz biss mil-lat procedurali. Inoltre l-konvenut kien eccepixxa li l-

artikolu in kwistjoni ma kienx libelluz, ghax ma jaghti l-ebda malafama lil min isemmi l-artikolu. Biex tiddeciedi din l-ecezzjoni il-Qorti kellha taghmel ezercizzju li fih tikkonsidra jekk il-fatti li nkitbu kienux verita' jew le. Ezercizzju dan li jolqot il-punt principali tal-kawza ta' libell dwar jekk il-fatti miktuba fid-dawl tal-provi mressqa joholqux libell u malafama. Din l-eccezzjoni allura tinvesti propju l-mertu tal-kawza, sabiex tasal ghal decizjoni dwar dan, il-Qorti kellha tikkonsidra l-provi kollha mressqa mill-partijiet quddiemha.

B'digriet tal-31 ta' Mejju, 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tal-konvenut u ddifferiet il-kawza biex dan iressaq il-provi tieghu waqt li rrizervat l-ispejjez ghall-gudizzju finali. Din id-decizjoni giet hekk motivata:-

> "Il-konvenut qed jippretendi li dina l-QortI ghandha l-ewwel tiddeciedi jekk l-artikolu hux libelluz jew le. Hu qabbel it-talba tieghu mal-proceduri li jsiru fil-kamp kriminali u cioe', la darba l-attur ghalaq il-provi tieghu, il-Qorti ghandha tiddeciedi jekk hemm fatti specifici u determinanti li jistghu jikkostitwixxu malafama. Jekk mhux il-kaz, allura l-Qorti ghandha tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-gudizzju, jekk invece, hemm prima facie dawn il-fatti specifici u determinanti, il-konvenutghandu jkollu d-dritt jghaddi ghall-provi tieghu u ghall-eccezzjonijiet tieghu, u dana biex ma jinheliex zmien fi proceduri li jitwalu b'diversi xhieda meta ma hemmx elementi bizzejjed biex jikkostitwixxu malafama.
>
> Il-Qorti tista' tiddeciedi fil-mertu jekk l-artikolu in kwistjoni hux libelluz jew le, wara li tezamina l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti flimkien u jhux billi tikkunsidrahom separatament, wahda wara l-ohra. Il-Qorti ma tistax tiddeciedi li l-artikolu hu libelluz prima facie biss imbaghad toqghod tezamina jew hux libelluz fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet moghtija. Divers kien ikun il-kaz li kieku l-Qorti giet

mitluba biex tiddeciedi preliminarjament l-eccezzjonijiet procedurali qabel il-mertu, kif wara kollox, hemm provdut fil-Kodici ta' Procedura Civili.

Ghalhekk biex il-Qorti tiddeciedi jekk l-artikolu hux libelluz jew le, trid tezamina wkoll l-eccezzjonijiet l-ohra tal-konvenut flimkien u ma tistax tiddeciedi l-mertu (jekk l-artikolu hu libelluz) fuq l-ewwel eccezzjoni biss. Altrimenti l-konvenut ikun qed jinghata l-beneficcju tad-doppio ezame jekk mhux aktar. Il-Qorti ma tistax triddeciedi l-mertu darbtejn jew tlett darbiet. Fil-Kap 248 m'hemmx provdut proceduri prima facie bhal dawk li l-konvenut irrefera ghalihom li hemm fil-kamp kriminali".

Il-konvenut Dottor Brincat, b'rikors tat-2 ta' Gunju, 2000, talab permess lill-Qorti biex jappella minn dik id-decizjoni u dan "biex verament ikun ezawrixxa kull rimedju stante li l-kwistjoni hija intimament konnessa mad-dritt tal-liberta' ta' l-istampa u li ghalhekk l-esponent ghandu d-dritt li jivventila l-punt deciz quddiem qorti superjuri ta' appell".

L-attur, il-Perit Mintoff, fir-risposta tieghu oppona ghal din it-talba u ssottometta li l-appell li kien qieghed jipprova jittanta l-konvenut, kien jistultifika l-proceduri tal-qorti u in partikolari d-dritt ta' l-attur li jiehu decizjoni fuq il-meritu fi zmien ragonevoli. Inoltre, ic-cahda tat-talba tal-konvenut bl-ebda mod ma kienet tippregudikah billi d-decizjoni fuq il-mertu kollu, inkluz fuq l-eccezzjoni li hu jrid li tigi deciza preliminarjament ikunu finalment appellabbli, u ghalhekk ma kienet ser issir bl-ebda mod lezjoni ghad-dritt tal-liberta' ta' l-istampa.

**Id-digriet appellat**

B'digriet tal-21 ta' Gunju, 2000, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili cahdet it-talba tal-konvenut Avukat Brincat biex jappella minn dak id-digriet bil-motivazjoni illi "il-konvenut jigi pregudikat aktar jekk jinghata d-dritt li jappella issa, milli wara li tinqata' l-kawza". Dik il-Qorti allura halliet il-kawza ghat-30 ta' Gunju, 2000, biex jinghata l-provvediment dwar it-talba tal-konvenut, li saret f'dik is-seduta, biex il-Qorti tiddeciedi l-punt kostituzzjonali sollevat mill-konvenut permezz ta' nota prezentata fl-atti tal-kawza u redatta f'dawn it-termini:-

> "Li permezz tagha formalment qed iqajjem is-segwenti kwistjoni:-
>
> Illi issa li l-attur ghalaq il-provi, jidher manifest li l-azzjoni intentata mill-attur u l-prosegwiment tal-proceduri jikkostitwixxu ksur tad-dritt ta' l-espressjoni tal-konvenut, kif protett mill-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja.
>
> Illi l-interferenza, anke mill-Qorti b'din l-azzjoni jammonta ghal tali vjolazzjoni, u dan qed jinghad fuq l-iskorta tal-principji enuncjati fis-sentenza ricenti tal-Qorti Ewropeja ta' l-20 ta' Mejju, 1999, fil-kaz Bladet Tromso et v Norway. Ghall-facilita' qed tigi esebita kopja ta' l-istess sentenza DOK ECHR.
>
> Il-vjolazzjoni tikkonsisti fil-fatt li persuna li tkun kitbet opinjonijiet u fatti ta' interess pubbliku, u dwar persunagg pubbliku, ma tistax tigi sottomessa ghal sanzjonijiet, anke ta' natura civili bhal dan il-kaz. Jirrizulta mill-istess sentenza tal-Qorti Ewropeja citata, li fil-kaz tan-Norvegja, wara li Qorti Norvegiza ddikjarat li kien hemm malafama minhabba fatti determinati u specifici, ghaddiet fuq talba tal-plaintiffs biex tillikwida kumpens.
>
> Illi l-ligijiet Maltija f'dan ir-rigward hija ta' l-istess portata, peress li hemm id-dikjarazzjoni tal-malafama, u jekk ikun il-kaz, tghaddi ghal-likwidazzjoni ta' kumpens.

Is-sitwazzjoni attwali, dwar fatti allegati, certament bl-ebda mod ma tammonta ghall-istess gravita' tal-kaz citat. Imma huwa certament fl-interess pubbliku li jkun hemm kummenti fuq fatti u grajjiet, u espressjoni ta' opinjonijiet u anke dubbji dwar agir ta' persunagg li kien fix-xena politika, u li l-agir tieghu kien determinanti fil-grajja politika tal-pajjiz.

Jekk tali kummenti, dubbji, espressjonijiet ta' opinjonijiet jaghtu dritt, fil-ligi Maltija, ghal xi forma ta' sanzjoni, dan imur kontra l-Artiklu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja.

Biex ikun hemm twegiba ghal-illazzjoni li saru li l-esponenti qed jipprova jtawwal il-proceduri, ghandu jinghad li l-esponenti mhux qed jiddejjaq mill-mertu tal-kaz, u jgib il-provi tieghu fuq il-mertu jekk ikun il-kaz.

Imma ghall-ispeditezza, dawn il-kwistjonijiet qed iqajjimhom issa, halli jigi evitat hela ta' zmien bla bzonn, meta llum is-sitwazzjoni hija differenti minn dak li jippretendi l-attur, li jekk xi hadd ma jsemmihx fil-glorja, jista' jmexxi b'libell kontra tieghu.

L-esponenti ghandu dritt skond il-Kap 319, li jressaq dan l-ilment f'dan l-istadju u ma jistenniex l-ezitu tal-kaz kollu.

Ghalhekk din il-kwistjoni ghandha tigi deciza u li r-rimedju huwa manifest f'dan l-istadju".

**<u>Id-digriet tat-30 ta' Gunju, 2000</u>**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) b'digriet tat-30 ta' Gunju, 2000, hekk iddecidiet dwar il-punt kostituzzjonali sollevat bin-nota appena registrata:-

"Il-Qorti,

Preliminari

Rat in-nota tal-konvenut a fol. 86.

Semghet lill-Avukati difensuri;

Rat il-kopja tas-sentenza esebita;

**TALBA**

Il-konvenut fil-kawza 690/99 fl-istess ismijietipprezenta nota fejn talab lill-Qorti biex ittih rimedju kostituzzjonali f'dan l-istadju billi d-dritt tieghu ta' espressjoni gie lez bl-azzjoni intentata mill-attur kontra tieghu.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Peress illi dina l-Qorti (fil-vesti taghha kostituzzjonali) ma tkunx tista' tiddeciedi jekk id-dritt ta' espressjoni tal-konvenut giex lez jew le, qabel ma jigi deciz il-mertu tal-kawza, cioe' jekk l-attur giex libellat jew le, ghalhekk f'dan l-istadju l-Qorti ser tastjeni milli tieghu konjizzjoni tat-talba tal-konvenut;

Is-sentenza riferita mill-konvenut ma taghti ebda dritt assolut ta' espressjoni (Article 10 did not guarantee a wholly unrestricted freedom of expression even with respect to press coverage of matters of serious public concern). Fil-kaz riferit il-Qorti ddecidiet li "the reasons relied on by the respondent state, although relevant, were not sufficient to show that the interference complained of was 'necessary in a democratic society'. There was no reasonable relationship of proportionality between the restrictions placed on the applicant's right to freedom of expression and the legitimate aim of protecting the seal hunters' 'reputation or rights'. (Art. 10 (1) (2) tal-Konvenzjoni.

Dan kollu hu ezercizzju li l-Qorti ghad trid taghmel izda mhux f'dan l-istadju meta ghadu lanqas biss gie deciz jekk hemmx libel jew le. Wara kollox it-talba ta' l-attur ghad tista' tigi michuda, izda l-konvenut ma jistax jippretendi li jipprekludi lill-attur mill-bidunett milli jaghmel azzjoni biex il-Qorti tiddeciedi jekk l-attur giex libellat jew le.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi billi f'dan l-istadju tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-kovnenut. Spejjez ghall-konvenut".

Il-konvenut Dottor Brincat, seduta stante, talab li jappella, u l-Qorti ddifferiet il-kawza biex jigi accertat jekk sarx appell kif fil-fatt gie minnu intavolat.

**L-Appell**

L-appell mid-digriet tat-30 ta' Gunju, 2000, intavolat mill-konvenut Dr. Joe Brincat jikkostitwixxi l-mertu tal-prezenti istanza. Hu appell minn digriet moghti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili f'kawza b'mertu prettament civili li fiha tqajjmet kwistjoni dwar il-ksur ta' disposizzjoni protettiva ta' jedd fondamentali, u cioe' ta' dritt tal-liberta' ta' l-espressjoni, liema appell sar direttament quddiem din il-Qorti Kostituzzjonali. L-appellant qed jippretendi li l-kontinwazzjoni ta' l-azzjoni civili ta' libell intavolata kontra tieghu mill-attur kienet tikkostitwixxi fiha nfisha vjolazzjoni tad-dritt tieghu tal-liberta' ta' l-espressjoni kif protetta bl-artikolu X tal-Konvenzjoni Ewropeja. Skond l-appellant il-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali "tikkonsisti fl-operat ta' l-organi gudizzjali ta' l-Istat Malti li wara li taw l-opportunita' lill-attur "to make his case", qed jirrifjutaw li jezaminaw malajr u b'mod effettiv l-allegazzjoni tal-vjolazzjoni ta' l-Art. X tal-Konvenzjoni Ewropeja". Dan ghaliex fil-fehma tieghu, l-ewwel Qorti ma kienx messha astjeniet milli tiehu konjizzjoni ta' l-ilment kostituzzjonali minnu mqajjem sakemm tkun investiet il-meritu tal-kawza principali. Kien messha qabel kollox ikkonsidratu u ddecidietu. Hu

jissottometti li l-astensjoni ta' l-ewwel qorti kienet timporta dewmien u dan in vjolazzjoni tal-mandat kostituzzjonali u konvenzjonali li s-smiegh ta' lment ta' din ix-xorta kellu jsir bl-akbar speditezza possibbli.

Min-naha tieghu l-appellat jissottometti li l-ewwel Qorti kienet gustament iddecidiet li ma tissospendix is-smiegh tal-kawza fuq il-meritu billi tali ezami tal-mertu kien necessarju biex dik il-Qorti tkun tista' tiddeciedi fuq l-eccezzjoni tal-konvenut appellant li ghall-ewwel darba tissolleva l-allegata vjolazzjoni o meno tad-dritt fondamentali ghal-liberta' ta' l-espressjoni. Il-procedura indubbjament insolita tentata mill-konvenut appellant tissuggerixxi lil din il-Qorti is-segwenti osservazzjonijiet:-

a) Dan l-appell hu wiehed prettament ta' natura kostituzzjonali. Kellu allura jigi proceduralment regolat b'dawk ir-regoli appositament imfassla biex jirregolaw il-kondotta ta' tali proceduri. Ma kienetx allura korretta s-sottomissjoni ta' l-appellat li dan l-appell, ipprezentat mill-konvenut quddiem din il-Qorti, kien wiehed intempestiv inkwantu seta' jsir biss wara li l-ewwel Qorti taghti d-decizjoni taghha fuq il-mertu. L-appellant isostni li kien applikabbli ghall-kaz is-subinciz (m) ta' l-inciz 229 (1) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi li appell minn digriet li ma jilqax talba ghall-waqfien mill-procedimenti, seta' jsir biss wara l-ghoti ta' sentenza definitiva u flimkien ma' appell

minn dik is-sentenza, kif ukoll li dak l-istess digriet ma setghax jigi kontestat qabel ma tinghata s-sentenza definitiva.

Fil-fehma konsidrata ta' din il-Qorti din il-limitazzjoni ghad-dritt ta' appell ma tirrizultax f'materja kostituzzjonali. Infatti s-subinciz 4 ta' l-art. 46 tal-KostituzzjonI ta' Malta jipprovdi li kull parti fi proceduri migjuba quddiem il-Prim'Awla tal-Kodici Civili, <u>skond dak l-artikolu</u>, jkollha dritt ta' appell quddiem il-Qorti Kostituzzjonali. Dispozizzjoni din li ma jidhirx li tillimita b'xi mod dan id-dritt ta' appell li jidher li hu eskluz biss f'dak li jipprovdi s-subinciz 5 ta' l-istess artikolu li jistipula "illi ma jkunx hemm appell minn xi decizjoni skond dak l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja". Ghall-bqija jidher illi l-modalitajiet tal-jedd ta' appell, u ta' kif u meta dan seta' jigi ezercitat fi proceduri kostituzzjonali, setghu biss jigu stabbiliti b'regolamenti ad hoc tal-Qorti li jipprovdu dwar il-prattika u l-procedura tal-qrati ta' Malta skond kif previst bis-subinciz 7 ta' l-art. 46 tal-Kostituzzjoni.

b) Din l-insistenza fuq id-distinzjoni netta bejn il-gurisdizzjonijiet differenti that ezami u bejn il-htiega li tinzamm dejjem hajja u prezenti d-distinzjoni bejn in-natura ta' l-azzjoni meta din tkun civili u meta din tkun kostituzzjonali, anke fir-rigward tad-dritt procedurali li jirregola d-diversi azzjonijiet, twassal naturalment ghall-konsiderazzjonijiet ohra importanti li jolqtu l-mertu ta' dan l-appell. Konsiderazzjonijiet li jimportaw ukoll

ezami tad-diversi disposizzjonijiet ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, inkwantu dan kien jimponi iter obbligatorju ghad-determinazzjoni tal-kweziti kostituzzjonali fir-rigward ta' l-allegati lezjonijiet tal-jeddijiet fondamentali. L-ewwel fost dawn il-kweziti hu jekk setghax jinghad li kien lecitu ghall-Qorti li tastjeni f'xi stadju tal-kawza milli tiehu konjizzjoni tat-talba biex tinvestiga u tiddeciedi l-mertu kostituzzjonali, kif jidher li ghamlet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili bid-digriet impunjat.

Qari akkurat tas-subinciz (2) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jidher li kellu jwassal ghall-konkluzzjoni li ma kienx konsentit ghall-Qorti li tastjeni milli tiddeciedi dwar kull talba maghmula minn xi persuna skond ls-subartiklu 1 ta' dak l-artiklu sakemm naturalment il-mertu ta' tali talba ma jkunx gie b'xi mod jew iehor ezawrit, f'liema kaz ovvjament ma jkunx ghad baqa' aktar lok ghat-talba. Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, li kellha gurisdizzjoni originali li tisma' kull talba maghmula minn xi persuna li tallega li l-jedd fondamentali taghha kien gie vjolat jew kien mhedded li jigi vjolat, kienet obbligata bil-Kostituzzjoni li <u>tiddeciedi</u> kull talba ta' din ix-xorta. L-unika cirkostanza fejn il-Prim'Awla setghet tiddeciedi li tirrifjuta li tezercita s-setghat taghha skond dan is-subinciz 2 ta' l-art. 46 kien biss f'dawk il-kazijiet fejn tqis li jkun desiderabbli li hekk taghmel f'kull kaz meta tkun sodisfatta li mezzi xierqa ta' rimedju ghall-ksur allegat huma, jew kienu, disponibbli favur il-parti leza skond xi ligi ohra. Kien biss f'dawn ic-cirkostanzi li l-Prim'Awla setghet ma tismax u ma

tiddecidix it-talba maghmula quddiemha. Altrimenti l-Qorti kellha tiddeciedi jekk kienx hemm jew ma kienx hemm lezjoni tal-jedd fondamentali. Dan hu mehtieg propju minhabba n-natura urgenti u mpellenti ta' l-azzjoni. Teknikament allura din il-Qorti tqis li d-digriet kif redatt that certu aspett jippekka min-nuqqas ta' precizjoni, anke jekk dan ma jeskludix li kien sostanzjalment korrett.

c) Mill-banda l-ohra, il-procedura maghzula mill-appellant biex jappella minn dan id-digriet, anke jekk prima facie tidher originali u ingenjuza, hi zgur that diversi aspetti rritwali. Bizzejjed jinghad illi l-ilment kostituzzjonali sollevat mill-konvenut, Dr. Brincat, hu espressament dirett kontra "l-operat ta' l-organi gudizzjarji ta' l-istat Malti". In sintesi hu jilmenta illi kien l-agir ta' l-Ewwel Qorti fil-kondotta tal-kawza li kien qed jilledilu l-jedd fondamentali tieghu ghal-liberta' ta' l-espressjoni protett bl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja. Ilment li bl-ebda mod ma kien allura dirett lejn il-persuna ta' l-attur appellat li qua cittadin privat kien qieghed biss jirrivendika jeddijiet minnu pretizi skond il-ligi bl-ebda mod impjunjata f'din l-azzjoni quddiem Qorti kompetenti. Indubbjament allura ma setghax jinghad li l-attur kien il-legittimu kontradittur ta' l-appellant fil-mertu minnu propost f'dan l-appell. Hu zgur ma setghax jirrispondi ghall-komportament tal-Qorti li lejha hu kien irrekorra korrettement u lanqas seta' jigi b'xi mod ritenut responsabbli allura ghall-allegata vjolazzjoni billi dik il-Qorti kienet qed tirrifjuta li

tezamina malajr u b'mod effettiv l-ilment kostituzzjonali tieghu. Infatti, mill-atti tal-Qorti jirrizulta manifest semai l-insistenza ghall-urgenza fid-determinazzjoni tal-mertu ta' din il-kawza da parti ta' l-appellat. Atteggjament dan mhux ghal kollox kondiviz mill-appellant. Il-procedura adottata mill-appellant fil-verita' eskludiet b'mod perentorju u definittiv id-dritt fondamentali tal-Qorti li lilha qed jaddebita r-responsabilita' esklusiva ghall-vjolazzjoni tal-precett kostituzzjonali li tiddefendi ruhha kontra tali akkuza fi process xieraq u adegwat quddiem tribunal imparzjali u indipendenti. Jigi enfasizzat li l-mertu ta' dan l-appell hu wiehed li jirrigwarda d-dritt sostantiv kostituzzjonali u mhux dritt procedurali. Dan inkwantu l-appellant ma hux qed jattakka semplicement decizjoni dwar il-kondotta tal-process mill-ewwel Qorti imma qieghed jaddebita vjolazzjoni positiva tal-jedd fondamentali tieghu bhala konsegwenza diretta tad-digriet procedurali mpunjat li ghaliha l-ewwel Qorti kienet tigi ritenuta responsabbli.

Din il-Qorti allura tasal ghall-konkluzzjoni li l-appell, inkwantu introdott quddiem din il-Qorti, taht dawn id-diversi aspetti u ohrajn ma setghax iregi u kien difettuz sal-punt li din il-Qorti ma kienetx f'posizzjoni illi tiehu konjizzjoni tal-mertu tieghu kif propost. Is-sitwazzjoni kienet tkun naturalment differenti li kieku l-appell gie intavolat f'termini differenti bazat biss esklussivament fuq id-dritt procedurali quddiem l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell, anke jekk f'dik l-eventwalita' dik il-Qorti kien ikollha, kif

fuq accennat, tidderimi l-kwistjoni ta' l-appellabilita' o meno tad-digriet impunjat fit-termini ta' l-artikolu 229 tal-Kap 12.

M'hemmx ghalfejn jinghad li ma setghetx kienet l-istess Qorti li emaniet mid-digriet impunjat illi fl-ewwel lok tiddetermina jekk hi stess kienetx jew le, b'dak l-istess digriet, ivvjolat d-dritt fondamentali ta' l-appellant kif minnu pretiz. Stabilit dan, din il-Qorti jidhrilha li mhux prudenti li tinoltra ruhha f'aspetti ohra ta' l-aggravju sollevat mill-appellant u tar-risposta ghalihom da parti ta' l-appellat, billi dawn propjament jolqtu l-mertu ta' l-allegata vjolazzjoni tal-jedd fondamentali ghal-liberta' ta' l-espressjoni tal-konvenut bhala konsegwenza tad-digriet impunjat li ghaliha, kif inghad, ma setghax jirrispondi l-attur. Tillimita ruhha ghal dawn iz-zewg osservazzjonijiet li jidhru opportuni:-

1) Filwaqt li din il-Qorti tifhem il-preokkupazzjoni tal-konvenut appellant li l-jedd fondamentali tieghu ghal-liberta' ta' l-esprezzjoni seta' wkoll jigi vjolat bil-fatt biss tal-prosegwiment tal-kawza ta' libell proposta mill-attur kontra tieghu, mhux daqstant facli tifhem kif hu ssolleva dan l-ilment propju fil-mument meta kien f'posizzjoni li jirrivendika dan l-istess dritt billi jutilizza propju rimedju ordinarju lilu moghti fid-difiza ta' dik l-istess kawza. Dan billi jew jitlob li l-kawza tithalla ghas-sentenza fil-mertu billi fil-fehma tieghu l-provi prodotti mill-attur ma kienux adegwatament jipprovaw il-premessi tat-talba fl-azzjoni tieghu jew

altrimenti li jghaddi biex jipproduci l-provi tieghu biex ixejjen dawk prodotti mill-attur. Fil-verita' biex tigi konstatata l-lezjoni tad-dritt fondamentali tal-liberta' ta' l-espressjoni allegata mill-konvenut appellant, kien jehtieg li l-Qorti tistabilixxi fl-ewwel lok jekk il-konvenut kienx jew le ezercita dak id-dritt, li ghalih kien certament intitolat b'mod kostituzzjonalment legittimu. Hi allura proprja r-riferenza li ghamel ghaliha l-appellant ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropeja fil-kaz "Bergens Tidende and others vs. Norway" li rriteniet li "by reason of the 'duties and responsibilities' inherent in the exercise of freedom of expression, the safeguard afforded by article 10 to journalists, in relation to reporting on issues of general interest, is subject to the proviso that they are acting in good faith in order to provide accurate and reliable information in accordance with the ethics of journalism".

Jidher ghalhekk li kien indikat li jkun ezawrit propju ir-rimedju ordinarju accessibbli permezz tal-kawza ta' libell u dana biex wiehed seta' jasal biex jikkonstata jekk kienux jissussistu l-elementi tal-vjolazzjoni tal-jedd fondamentali ravvizata mill-appellant u allegatament kommessa mill-Qorti li ggudikatu, bhala oragnu ta' l-Istat, bil-fatt biss li pprosegwiet bil-kawza f'dan l-istadju.

2. Finalment din il-Qorti tirregistra illi l-appellant jiccita in sostenn ta' l-aggravju tieghu zewg decizjonijiet recenti tal-Qorti Ewropeja, dik cioe'

fil-kawza fl-ismijiet “Bergens Titende and others vs. Norway” deciza fit-2 ta’ Mejju, 2000, li ghaliha diga saret fuq riferenza, u l-kawza “Bladet Troms° and Stensaas vs. Norway  (Application No. 21980/93) deciza fl-20 ta’ Mejju, 1999.

Din il-Qorti ezaminat iz-zewg sentenzi li kopja taghhom giet ezebita f’dan il-process.  Decizjonijiet li indubbjament jista’ jkollhom rilevanza fid-decizjoni tal-mertu tal-kawza principali inkwantu japprofondixxu l-limiti tal-liberta’ li fihom kellha topera l-istampa, kif ukoll il-bilanc  li kellu jkun hemm bejn l-interess ta’ l-individwu li jipprotegi r-reputazzjoni professjonali u l-integrita’ tal-karattru tieghu, u l-interess pubbliku li jkun informat fuq materji li legittimament kienu jolqtu d-divulgazzjoni ta’ informazzjoni dwar materji  gravi li jikkoncernaw l-opinjoni pubblika.  Iz-zewg sentenzi ssindakaw funditus il-limiti ta’ l-interferenza li l-istat, anke permezz ta’ l-organi gudizzjarji, seta’ jezercita fuq il-liberta’ ta’ l-espressjoni, inkwantu din setghet ma tkunx necessarja f’socjeta’ demokratika, kif ukoll jekk kienx jezisti dak il-grad ta’ proporzjonalita’ bejn ir-restrizzjonijiet imposti fuq dan id-dritt fondamentali tal-liberta ta’ l-espressjoni u l-iskop legittimu tal-protezzjoni tar-reputazzjoni ta’ l-individwu li kien mahsub li jintlahaq b’dawn l-istess restrizzjonijiet.

Dan kollu pero’ fiz-zewg kazijiet seta’ jigi delibat u deciz proprju wara ezami approfondit tal-mertu u wara li l-Qorti Ewropeja setghet

tikkonsidra l-provi mressqa miz-zewg nahat rigward il-fatti li allegatament kienu jikkostitwixxu l-malafama u li kienu proprju l-qofol tal-mertu tal-kawza proprja.

Certament ma seta' bl-ebda mod l-appellant minn dawn is-sentenzi minnu citati ta' interess notevoli, jasal ghall-konkluzzjoni li l-Qorti kellha tiddeciedi a priori li t-tieni eccezzjoni tieghu kienet gustifikata minghajr ma tkun qabel ezawriet l-iter kollu processwali kif jesigi l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Il-kontra hu proprju l-kaz. Ribadit a skans ta' ekwivoku illi l-lanjanza kostituzzjonali <u>kif f'dan l-istadju proposta</u> tikkonsisti biss fil-fatt illi l-appellant qed jallega li l-interferenza fid-dritt ta' espressjoni, anke minn Qorti bil-prosegwiment ta' l-azzjoni tal-libell kienet tammonta ghal vjolazzjoni tal-jedd fondamentali tieghu kif protett mill-artikolu 10 tal-Konvenzjoni Ewropeja, din il-Qorti tasal ghall-konvinciment li tali vjolazzjoni ma kienet bl-ebda mod tirrizulta. Ghall-kuntrarju kien jimponi fuq l-ewwel Qorti li tipprosegwixxi bis-smiegh tal-kawza u waqt li tirregola l-iter tal-process skond kif kien fl-ahjar interess tal-gustizzja, u skond kif kienet obbligata bid-dritt procedurali li tipprocedi, tiddeciedi l-mertu wara li tkun tat liz-zewg kontendenti l-opportunita ta' smiegh xieraq u gust, kif hu jedd fondamentali taghhom it-tnejn bil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni protett.

Din il-Qorti allura qeghda tiddeciedi l-appell billi fl-ewwel lok tichdu inkwantu mhux sostnut fil-ligi; fit-tieni lok tirrevoka s-sentenza appellata in kwantu astjeniet li tiehu konjizzjoni tal-mertu, u dana billi qed tirritjeni li Prim'Awla fil-kompetenza kostituzzjonali taghha kellha l-obbligu li tiddeciedi l-mertu; tiddeciedi illi l-appell kien proceduralment irritwali, inkwantu f'kull kaz l-attur appellat ma kienx, u ma setghax ikun legittimu kontradittur ta' l-appellant fil-mertu ta' l-appell kif propost quddiem din il-Qorti. L-ispejjez ta' dan l-appell kellhom ikunu a kariku ta' l-appellant. L-atti qed jigu rimessi lill-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni.

Dep/Reg

mm